

# Il-Ġabra ta' Ward: Waqt Eċitanti fl-Istorja tal-Ktieb Malti u l-Iskejjel

minn Sergio Grech MA

Iktar kmieni din is-sena, kelli l-opportunità li waqt l-Ewwel Festival Internazzjonali tal-Letteratura li sar fil-Kavallier ta' San Ġakbu, il-Belt Valletta nikkoordina attività dwar il-*Ġabra ta' Ward*.[1] Waqt it-tħejjija, ikkonfermajt b'liema sengħa u dedikazzjoni ħadem E.B. Vella, fi żmien meta l-ktieb kien għadu ma sarx industrija, biex fl-iskejjel tagħna tidħol antoloġija li biha t-tfal setgħu jitgħallmu japprezzaw il-qari u, jħobbu l-ilsien nazzjonali tagħhom. Wieħed japprezza s-sens patrijottiku, f'din l-inizjattiva, meta tqis li Vella kien qed jaħdem f'kuntest kolonjali, li mhux dejjem kien qalbu tajba mal-Maltin. Biżżejjed tara t-tiġbid u l-logħob bil-kostituzzjonijiet matul il-164 sena ta' ħakma Ingliża.

Nistgħu ngħidu li l-promotur ta' din is-sensiela, kien Dr Albert V. Laferla hu nnifsu awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet bħal *British Malta*, *The Story of Man in Malta* u *Ġrajjiet ta' Malta u n-Nies Tagħha*. Laferla, għalkemm kien imperjalist gwapp, ħadem, kemm felaħ, biex jinbidel il-wiċċ tat-tagħlim fl-iskejjel tagħna. Fost l-oħrajn, kien fi żmienu li tjiebu l-kundizzjonijiet tal-għalliema.[2] Ma ninsewx li Laferla kien il-moħħ biex il-poeta nazzjonali Dun Karm seta' jikteb l-Innu Nazzjonali; oriġinarjament kellu jkun innu biex ikantawh kull filgħodu t-tfal Maltin tal-iskola primarja.[3] Skont Zammit Mangion, storiku tal-edukazzjoni, Laferla kien wieħed mill-aqwa Diretturi tal-Edukazzjoni li kellu dan il-pajjiż.[4]

Laferla kien persważ li student għandu bżonn kbir tat-*textbook* bħala għodda li tgħinnu biex ikabbar l-kompetenzi tiegħu fis-suġġett. Fi żmienu, dan l-aspett kien traskurat ħafna. Ġabar madwaru grupp ta' nies bħal E.B. Vella, Ġanni Cilia, u Ġuże Ebejer. Hekk twieldu diversi kotba fl-iskola bħall-*Ġabra ta' Ward, Il-Ġmiel tad-Dinja, Stejjer mill-Kotba Mqaddsa, Ir-Reliġjon Mgħallma għaż-Żgħar* u diversi kotba oħra.[5]

Emanuel Benjamin Vella ħadem fuq is-sensiela *Ġabra ta' Ward*. Victor Fenech, l-istoriku tal-ktieb Malti, isostni li Vella kien il-bniedem ideali għal din il-biċċa xogħol u jikkwalifikah b'dawn il-kriterji: "serju, dedikat u jaf kif iżewwaq antoloġija għall-gosti tat-tfal kollha."[6] Wieħed ma jridx jinsa li l-*Ġabra ta' Ward* ma kinux l-unika kotba li Vella ħadem fuqhom. Fost l-oħrajn ippubblika *Ħaż-Żabbar u l-Ġrajja Tiegħu*, *Iż-Żejtun u M'Xlokk, Storja tal-Mosta bil-Knisja tagħha* u *Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid*.[7] Kellu interessi wkoll fl-arkeoloġija.

Il-*Ġabra ta' Ward* kienet serje ta' sitt kotba, l-ewwel tnejn għaż-żgħar nett. Vella ħadem bl-ortografija l-ġdida li kienet għadha kemm ħejjiet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, li l-lum hi magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti.[8]

Il-kontenut tal-antoloġiji tiegħu varja minn xogħol oriġinali u traduzzjonijiet minn testi barranin. Irridu napprezzaw, li l-proġett jikber fl-importanza tiegħu meta tqis li f'Malta, il-ġeneru għat-tfal kien kważi ineżistenti għajr xi kontributi żgħar u waħdiet fil-*Mogħdija taż-Żmien* ta' Alfons Maria Galea.[9] U terġa' u tgħid, dawk il-volumi, dawk il-waħdiet lanqas kienu mija fil-mija għat-tfal.

Il-*Ġabra ta' Ward*, kif jikkummenta Trevor Żahra, "baqgħu jżommu r-rekord bħala l-unika kotba miktubin u mfasslin apposta għat-tfal."[10] Is-sensiela ġiet ippubblikata fl-Oxford University Press li dik il-ħabta kellha kuntratt mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Vella fehem, sa minn kmieni, li ktieb għat-tfal għandu jkun illustrat. Għal din il-biċċa xogħol, tqabbdu żewġ figuri li taw ħafna lill-arti Maltija: l-aħwa Edward u Robert Caruana Dingli. Dik il-ħabta, iż-żewġ artisti kienu jgħallmu fl-Iskola tal-Arti. Bejniethom, għamlu biċċa xogħol tajba ħafna.

Fuq kollox, ta' bniedem istruwit li kien, Vella mexa pass pass, skont il-ħiliet tat-tfal. Għalhekk, mhux b'kumbinazzjoni li l-ġabra tiftaħ bi tlissin tas-sillabi, iktar milli bi stejjer twal. Sa ta kas ukoll tad-daqs tat-tipa, li iktar mal-qarrejja jikbru, din iktar tiċkien u tiġi, ħa ngħidu, hekk normali. Fl-istess ħin, iktar ma' t-tfal jikbru, iktar beda jiżdied ukoll l-ammont ta' kliem ta' kull storja.

Xi ħaġa oħra li tolqtok, hi li apparti l-proża fittizja, inkluda wkoll il-proża mhux fittizja u dan juri kemm Vella kien jaf x'inhu jagħmel. Ħallat l-istejjer mat-

tagħlim ċiviku bażiku li kulħadd kien mistenni li jkun jaf. It-tielet volum ta' il-*Ġabra ta' Ward* jiftaħ bis-silta *Is-Saħħa* ta' Alfons Maria Galea.[11] Illum l-għalliema tagħna huma mħeġġa biex jużaw l-istil tat-tagħlim tematiku. Vella għaraf dan minn kmieni.

Inkluda wkoll testi reliġjużi għax ta' Vella fl-aħħar mill-aħħar kienet soċjetà li kollox jitlaq mit-twemmin u l-fidi.[12] Xtaq li l-letteratura toħloq diskussjoni u allura kellu t-taqsimiet *Kieku inti x'kont tagħmel?*[13] Ried li l-ktieb jagħti gost u għalhekk daħħal il-praspura u l-ħrafa. Probabbli, l-iktar waħda magħrufa, *Ir-Rebħa ta' Pupull* ta' Temi Żammit.[14] Żammit, jibqa' lezzjoni importanti għal dawk kollha li jridu jterrqu fit-triq tal-kitba. Ma naqsitx ukoll il-preżenza tal-poeżija fis-sensiela. *Il-Pupa* ta' Marcell Mizzi[15] jew *Il-Gideb ta' Toninu* ta' Anastasju Cuschieri[16] l-lum huma parti mill-wirt poetiku tal-poplu. Biex ikompli jħawwar, daħħal ukoll il-qwiel: wirt importanti ħafna.

Tinħass il-ħajta morali għaddejja l-ħin kollu fis-sitt kotba. Favur is-safa fil-ħajja u fir-ruħ. Mill-ħrejjef, il-qarrejja kellhom jisiltu t-tagħlima morali. *Tilef Xortih* tattakka r-regħba.[17] *Il-Ħmar tas-Sienja tinsisti* li xi ħadd minn klassi baxxa jaf ikun iktar intelliġenti minn avukat.[18] Min ma jafhiex it-tagħlima ta' *Il-Fenek u l-Fekruna*?[19]

Il-kwotazzjoni, li nsibu fil-ftuħ ta' kull ġabra, mid-drammaturgu Ewripide tispjega b'mod ċar l-ispirtu li Vella ħaddem biex iwettaq dan il-proġett:

Huwa qagħad bilqiegħda fix-xagħra
U ferħan qata' b'regħba l-ward,
Filwaqt li ġabarhom waħda waħda.

Is-sensiela *Ġabra ta' Ward* kienet waqt importanti eċitanti fl-istorja ta' pajjiżna. Il-kotba qdew lil bosta studenti li tefgħu fihom imħabba lejn l-ilsien omm. Kienet il-prekursur tal-kotba għat-tfal li llum sar ġeneru li stagħna ħafna.

**Referenzi**


1 Il-laqgħa letterarja saret il-Ħamis 22 ta' April, 2010 u bdiet fis-7.30 p.m.
2 G. Cassar, *Inside the Malta Union of Teachers 1919-2009*, Malta, MUT, 2009, 17.
3 O. Friggieri, Dun Karm Il-Bniedem fil-Poeta, Malta, KKM, 1980, 65.
4 J. Zammit Mangion, *L-Istorja tal-Edukazzjoni f'Malta*, Malta, PIN, 2000, 83.
5 V. Fenech, *Il-Ktieb Malti,* 2003, 147.
6 Ibid.
7 M.J. Schiavone, *Dictionary of Maltese Biographies*, Vol. 2, Malta, PIN, 2009, 1451.
8 M. Farrugia, *L-Istorja tal-Alfabett Malti*, Malta, PIN, 2004, 121.
9 T. Żahra, *Il-Kotba għat-Tfal*, Malta, PIN, 2002, 28.
10 Ibid., 34.
11 E.B. Vella, *Ġabra ta' Ward*, Vol. 4, (Edizzjoni Ġdida) Malta, Giovanni Muscat & Co Ltd, 1970, 9.
12 E.B. Vella, *Ġabra ta' Ward*, Vol. 2, (Edizzjoni Ġdida) Malta, Giovanni Muscat & Co Ltd, 1970, 63.
13 Ibid., 87.
14 E.B. Vella, *Ġabra ta' Ward*, Vol. 3, (It-Tielet Edizzjoni) Malta, Giovanni Muscat & Co Ltd, 1970, 63.
15 E.B. Vella, *Ġabra ta' Ward*, Vol. 2, (Edizzjoni Ġdida) Malta, Giovanni Muscat & Co Ltd, 1970, 30.
16 E.B. Vella, *Ġabra ta' Ward*, Vol. 3, (It-Tielet Edizzjoni) Malta, Giovanni Muscat & Co Ltd, 1970, 85.
17 E.B. Vella, *Ġabra ta' Ward*, Vol. 4, (Edizzjoni Ġdida) Malta, Giovanni Muscat & Co Ltd, 1970, 100.
18 E.B. Vella, *Ġabra ta' Ward*, Vol. 3, (It-Tielet Edizzjoni) Malta, Giovanni Muscat & Co Ltd, 1970, 95.
19 E.B. Vella, *Ġabra ta' Ward*, Vol. 2, (Edizzjoni Ġdida) Malta, Giovanni Muscat & Co Ltd, 1970, 46.



JERRY'S
Silencer Repairs



*Teddy's Garage,*
*Siġġiewi Road,*
*Mqabba.*

*Tel: 2164 0750*
*Mob: 9944 9237*

CO2
WELDING

**For Welding and Silencer Repairs**